MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2002

Talba Numru. 1059/2002/1

**Anthony Buttigieg**

**vs**

**Robert Lia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet esegwiti mill-attur fil-fond propjeta' tal-konvenut fuq ordni tal-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Il-konvenut jichad li huwa debitur tal-attur stante li l-attur m'ghamilx ix-xoghol kollu kif miftiehem.
Skond stima ta' perit li l-konvenut bi hsiebu jesebixxi matul il-kawza l-attur ghadu m'ghamilx xoghol li kien miftiehem

ghall-valur ta’ tlett mija seba’ u ghoxrin lira Maltin (Lm327.00). Ghaldaqstant huwa l-attur li huwa debitur tal-konvenut u li l-konvenut qieghed izomm lill-attur responsabbli ghall-ispejjes kollha u ghad-danni kollha li huwa sofra u jista’ jsofri, inkluz it-telf ta’ xoghol tieghu biex jattendi ghas-seduti tal-kawza (Lm25.00 kull jum).

Ra l-kontro-talba prezentata mill-konvenut fejn huwa talab li l-attur rikonvenzjonat jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm127.00) rapprezentanti rifuzjoni ta’ prezz ta’ xoghlijiet li ma sarux mill-attur u ghal-liema l-konvenut kien hallas.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li m’huwiex minnu li huwa ma lestiex xi xoghol li kellu jaghmel kif qed jallega l-konvenut. Il-konvenut ma hallihx ikompli biss l-ahhar ‘finishes’ li zgur ma jammontawx ghal aktar minn siegha xoghol It-Tribunal l-anqas ma huwa kompetenti li jisma’ l-kontro-talba kif proposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Anthony Buttigieg, Robert Lia u Karen Lia. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-partijiet jaqblu li l-konvenut kien inkariga lill-attur jaghmel xi xoghlijiet fil-fond propjeta’ tal-konvenut u li l-prezz miftiehem ghal dawn ix-xoghlijiet kien dak ta’ Lm1,750.00. Hemm ukoll qbil li l-konvenut hallas ill-attur is-somma ta’ Lm1,550.00. Dan jirrizulta wkoll mid-dokument esebit a fol. 12 tal-process. Is-sorte fil-kawza odjerna jirrigwarda proprju dan il-bilanc ta’ Lm200.00 li ghadu dovut mill-konvenut lill-attur. L-attur xehed li l-konvenut kien ihallsu pagamenti akkont waqt li kien qed jesegwixxi x-xoghlijiet u li meta tlestew ix-xoghlijiet kien ghad jonqsu jhallsu bilanc ta’ Lm400.00 u wara tlett gimghat hallsu Lm200.00 minn dan il-bilanc. Dejjem skond l-attur, il-konvenut kien qallu li kien ser ihallsu dan il-bilanc meta idahhal xi flus li kienu dovuti lilu minn terzi u li meta sussegwentement kkomunika mal-konvenut sabiex

ihallas dan tal-ahhar kien dejjem jiprometti li kien ser ihallas. Il-konvenut qatt ma ressaq ilmenti mal-attur dwar il-kwalita' tax-xoghol esegwit minnu u l-ewwel darba li l-attur sar jaf li l-konvenut kien qed jilmenta mill-kwalita' tax-xoghol kien meta huwa ra kopja tar-risposta tal-konvenut fil-kawza odjerna.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra jsostni li l-attur ma lestiex ix-xoghol kollu li kienu ftehemu dwaru u li huwa addirittura kien hallas lill-attur ta' xoghol li effettivament ma kienx tlesta. Il-konvenut esebixxa rapport ta' perit inkarigat minnu (a fol. 13) fejn dan il-perit elenka lista ta' xoghlijiet li ma sarux mill-attur. F'dan ir-rigward it-Tribunal jirrileva li apparti l-fatt lid an il-perit ma tressaqx bhala xhud sabiex jikkonferma il-kontenut ta' dan ir-rapport, l-istess perit ma kienx involut fil-ftehim u l-anqas ma ssorvelja x-xoghlijiet. Huwa kkonkluda li x-xoghlijiet miftehma ma tlestewx wara li inghata nformazzjoni f'dan is-sens mill-konvenut u mhux ghaliex huwa effettivament kien f'posizzjoni li jikkonstata li kien hemm xoghol kompriz fil-prezz miftiehem li fil-fatt ma sarx.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur hija aktar kredibbli anki ghaliex meta l-attur lesta x-xoghlijiet il-konvenut kompla jhallas parti mill-bilanc li kien ghadu dovut u kien biss meta gie nterpellat bix ihallas il-bilanc dovut permezz ta' ittra legali li huwa qabad perit sabiex jagheml ir-rapport hawn fuq imsemmi, fil-fatt ir-rapport huwa datat 11 ta' Novembru 2002. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li x-xoghol miftiehem ma tlestiex mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet solevati mill-konvenut, billi jichad it-talba rikonvenzjonali tal-istess konvenut u billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------